MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2003

Numru 753/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Micallef Grimaud**
**V**

**OMISSIS**
**ANTHONY FORMSTON**
**NORMAN DIMECH**
**ANDRE PACE**
**MARTIN CURMI**
**RENALD FORMSTON**
**ELTON B ORG**
**NORMAN HILL**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **ANTHONY FORMSTON** ta' tlieta w hamsin sena, bin Anthony u Carmen nee Fenech, imwieled Pieta nhar t-tmintax ta' Novembru 1967 u

joqghod 177, Flat 13, Triq San Kristofru, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 476667M **NORMAN DIMECH** ta' tnejn u hamsin sena, bin Joseph u Josephine nee Bruno, imwieled Pieta nhar l-hamsa ta' Lulju 1951 u joqghod 35, Lower Barrakka Lane, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 559151M, **ANDRE PACE** ta' tmienja w ghoxrin sena, bin Carmelo u Jane nee Mills, imwieled Pieta nhar s-sebgha ta' April 1975 u joqghod Entrance 4, Granaries Junction, Floriana, detentur tal-karta tal-identita numru 196575M, **MARTIN CURMI** ta' sebgha w erbghin sena, bin Joseph u Miriam nee Bugeja, imwieled Valletta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Mejju 1956 u joqghod 16/5, Capuchin Street, Floriana, detentur tal-karta tal-identita numru 343856M, **RENALD FORMSTON** ta' ghoxrin sena, bin Anthony u Carmen nee Fenech, imwieled Pieta nhar sitta w ghoxrin ta' Awissu 1983 u joqghod 188E, Flat 5, Triq Sant'Ursola, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 476583M, **ELTON BORG** ta' tlieta w ghoxrin sena, bin Louis u Carmen nee Borg, imwieled Pieta nhar l-erbgha ta' Novembru 1979 u joqghod 20, Triq l-Ifran, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 535979M u **NORMAL HILL** ta' tnejn u hamsin sena, bin il-mejjet Albert u Violet nee Cutajar, imwieled Valletta nhar t-tnejn ta' Gunju 1951 u joqghod 14, Flat 5, Triq San Bastjan, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 461651M, gew mressqa quddiemha akkuzati talli fit-tmienja ta' Settembru 2003 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija fil-Belt Valletta, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, xewwxu jew hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar illi hekk migbura, bil-hsieb li jaghmlu reat;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu resiztenza bi vjolenza jew b'hekk ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond l-ligi mill-awtorita komnpetenti;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ingurjaw jew heddew jew ghamlu offiza fuq diversi membri tal-Korp tal-

Pulizija, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe offiza ta' natura hafifa fuq diversi membri tal-Korp tal-Pulizija;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara voluntarja fuq diversi premjijiet u trofej kif wkoll diversi hsarat ohra fuq il-moll liema hsara teccedi l-hames mitt lira maltin u dan ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kisru l-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, qalu fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen liema kliem kien jikkonsisti f'espressjonijiet ta'dagha;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija Ezekuttiva, fixxklu jew indahlu fid-dmirijiet tal-Pulizija jew ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li bil-ligi kien ordnat jew li setgha jaghmel;

Lil **Anthony Formston wahdu** talli b'hekk sar recidiv b'sentenzi tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra datati ghoxrin ta' Gunju 2000 (Awla 7), disgha w ghoxrin ta' Mejju 1966 (Awla 4) u disgha ta' Dicembru 1994 (Awla 4).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali esebit fl-atti datat disgha ta’ Settembru 2003 sabiex din il-kawza tigi mmexxija bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati kollha **b'eccezzjoni tal-imputati Eucharist Baldacchino u Dennis Thornton** ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kollha salv ghal **Eucharist Baldacchino u Dennis Thornton** kif registrat fl-atti fis-seduta ta' llum tnax ta' Settembru 2003.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegebu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u li hija ma hiex marbuta bis-sentenza moghtija nhar l-ghaxra ta' Settembru 2003, fl-ismijiet Il-Pulizija v Robert Frendo et, ghalkemm l-akkuzi huma identici, u tathom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura mill-ammissjoni taghhom u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, salv u b'eccezzjoni tal-imputati **Eucharist Baldacchino u Dennis Thornton** l-Qorti tiddikjara li qed issbhom hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Semghet lil Prosekuzzjoni titlob is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputati odjerni u ghalhekk filwaqt li ghaddiet biex taghti din is-sentenza fil-konfront taghhom, iddifferiet il-kawza ghal data ohra fil-konfront tal-imsemmija **Eucharist Baldacchino u Dennis Thornton.**

Rigwardanti l-piena l-Qorti ghandha is-sottomissjonijiet segwenti x'taghmel u dan wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz thoss li hemm cirkostanzi specjali fejn hi ghandha tinzel taht il-minimum stabbilit mill-ligi rigwardanti piena.

Il-Qorti ikkunsidrat is-segwenti fatturi:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputati u cioe` li evitaw telf ta' zmien ghal Qorti u spejjez pubblici;

2. L-skuza pubblika li l-stess imputati ghamlu kollha fil-konfront kemm tal-Ufficjali tal-Pulizija, kemm fil-konfront tal-Kumitat li torganizza l-Festi Nazzjonali, kif ukoll lejn il-pubbliku in generali;
3. l-obbligazzjoni li ghamlu l-stess imputati li jaghmlu tajjeb ghal spejjez kollha kagjonati minnhom favur il-Gvern ta' Malta.
4. Iz-zmien li l-imputati ghamlu taht arrest preventiv in konnessjoni mal-akkuzi odjerni.

Il-Qorti pero thoss li ghandha tittratta ma kull imputat b'mod separat peress li jezistu cirkostanzi ohra applikabbli individwalment.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 49, 50, 68(1)(2), 96(b), 95(1), 221(1), 325(a), 338(dd), 338(bb), 342, 338(ee), 209, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Fil-konfront tal-imputat ANTHONY FORMSTON il-Qorti rat il-fedina penali tieghu esibita fl-atti u minn ezami tal-istess jirrizulta li huwa diga kiser dufrejgh mal-ligi diversi drabi, erbatax il-darba u fil-fatt il-fedina penali tieghu tikkonsisti f'sitt faccati u nofs. Minn ezami pero tal-istess jirrizulta li l-akkuzi konsistenti kemm f'kontravenzjonijiet u reati jikkoncernaw principalment ksur tal-Legislazzjoni Fiskali, ta' ligijiet dwar counterfeit, u attakk lejn Ufficjali Pubblici u dan fuq medda ta' zmien ta' sittax il-sena.**

**Il-Qorti nnotat wkoll li dan l-imputat gie wkoll akkuzat li huwa recidiv, u li l-istess imputat ammetta din l-akkuza u ghalhekk fic-cirkostanzi ma tistax taghti sentenza ta' prigunerija sospiza peress li hija projbita mill-ligi ghalkemm thoss li f'dawn ic-cirkostanzi kienet tkun l-piena idoneja.**

**Illi ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti thoss li ghandha tpoggi lil imputat ANTHONY FORMSTON taht ordni ta' ufficjal tal-probation kif previst fl-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghal perjodu massimu permess mill-ligi ta' tlett snin u ghalhekk tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur li**

**jassenja Ufficjal tal-Probation sabiex jinnomina ufficjal ghal dan l-ghan u dan in linea mal-artikolu 7(8) tal-istess Kap 446.**

**Il-Qorti tikkundanna wkoll lil imputat ANTHONY FORMSTON jhallas multa ta' hames mitt lira maltin liema multa tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet infurmata mid-Difiza, li l-imputat Anthony Formston jokkupa l-kariga ta' President ta' St. Paul's Football Club u ghalhekk dawn ic-cirkostanzi specjali l-Qorti ma thossx li ghandha tipprojbih ghal loghob tal-football meta jkun qed jilghab t-team tal-Belt Valletta biss, u ghalhekk qed tghamilha cara li l-imputat m'ghandhux jattendi ebda stadju f'Malta ghal loghob tal-football jekk mhux qed jilghab it-team tal-Belt Valletta. Qed tipprojbih wkoll li jattendi ghal kull sport iehor, inkluz dak tar-regatta tul il-perjodu ta' probation ta' tlett snin.**

**Fil-konfront ta' NORMAN DIMECH il-Qorti rat il-fedina penali tieghu li tikkonsisti f'sebgha faccati w nofs pero minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat instab hati ta' diversi kontravenzjonijiet li fil-maggor parti taghhom jikkoncernaw ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku. Illi pero, fost dawn il-kontravenzjonijiet l-imputat wkoll nstab hati ta' reat ta' serq, meta nghata probation, u talli hebb w ingurja Ufficjali Pubblici fis-sena 1997.**

**Illi b'kollox l-inputat tressaq il-Qorti tnejn u ghoxrin darba u ghalhekk ma thossx li li ghandha tkun wisq klementi mieghu ghalkemm jezistu c-cirkostanzi mitiganti aktar 'l fuq u fid-dawl tal-premess il-Qorti thoss li l-piena idoneja ghandha tkun ta' piena karcerarja sospiza li hija fil-ligi f'dawn ic-cirkostanzi.**

**Illi ghalhekk il-Qorti tiddikjara wara li rat l-artikoli fuq imsemmija, li tikkundanna lil imputat NORMAN DIMECH ghal piena karcerarja ta' sena sospiza ghal**

**tlett snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In oltre, tikkundannah jhallas multa ta' hames mitt lira maltin liema multa tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In oltre tobbliga lil imputat li ma jersaq lejn ebda fora f'Malta jew fl-ibhra ta' Malta fejn qed isir sport tul il-perjoidu tas-sentenza sospiza.**

**Fil-kontront tal-imputat ANDRE PACE il-Qorti rat il-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li huwa tressaq l-Qorti f'zewg okkazzjonijiet dwar kontravenzjonijiet u reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku u xi kontravenzjoni ohra.**

**Illi ghalhekk tali fedina penali m'ghandhix titqies bhala wahda riflettarja ghalkemm ma hiex indellibbli, pero minhabba r-ragunijiet premessi aktar 'l fuq, ghalkemm thoss li akkuzi moghtija fil-konfront tieghu kif wkoll fil-konfront tal-imputati l-ohra huma ta' natura serja, m'ghandhix tapplika piena karcerarja u thoss li ghandha taghti cans lil istess imputat billi tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tikkundanna wkoll lil imputat ANDRE PACE jhallas multa ta' hames mitt lira maltin liema multa tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In oltre tobbliga lil imputat li ma jersaq lejn ebda fora f'Malta jew fl-ibhra ta' Malta fejn qed isir sport tul il-perjoidu tal-probation.**

**Fil-konfront tal-imputat MARTIN CURMI, il-Qorti qisiet il-fedina penali tieghu, esibita fl-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat diga deher il-Qorti fi tlett okkazzjoni fejn**

**gie akkuzat principalment fuq kontravenzjonjijiet u reati dwar ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku.**

**Illi ghalhekk tali fedina penali m'ghandhix titqies bhala wahda riflettarja ghalkemm ma hiex indellibbli, pero minhabba r-ragunijiet premessi aktar 'l fuq, ghalkemm thoss li akkuzi moghtija fil-konfront tieghu kif wkoll fil-konfront tal-imputati l-ohra huma ta' natura serja, m'ghandhix tapplika piena karcerarja u thoss li ghandha taghti cans lil istess imputat billi tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tikkundanna wkoll lil imputat MARTIN CURMI jhallas multa ta' hames mitt lira maltin liema multa tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In oltre tobbliga lil imputat li ma jersaq lejn ebda fora f'Malta jew fl-ibhra ta' Malta fejn qed isir sport tul il-perjodu tal-probation.**

**Fil-konfront tal-imputat RENALD FORMSTON il-Qorti rat l-fedina penali tieghu li tikkonsisti f'zewg faccati, tlett kontravenzjonijiet registrati fuqha.**

**Illi ghalhekk tali fedina penali m'ghandhix titqies bhala wahda riflettarja ghalkemm ma hiex indellibbli, pero minhabba r-ragunijiet premessi aktar 'l fuq, ghalkemm thoss li akkuzi moghtija fil-konfront tieghu kif wkoll fil-konfront tal-imputati l-ohra huma ta' natura serja, m'ghandhix tapplika piena karcerarja u thoss li ghandha taghti cans lil istess imputat billi tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tikkundanna wkoll lil imputat RENALD FORMSTON jhallas multa ta' hames mitt lira maltin liema multa tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi**

**ta' hamsin lira bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet infurmata mid-Difiza li l-imputat Renald Formston jinstab registrat bhala footballer mal-MAFA (Malta Amateur Football Association) u ghalhekk fic-cirkostanzi, ma thoss li ghandha tordna l-istess projbizzjoni li ghamlet fil-konfront tal-ko akkuzati peress li jesiztu cirkostanzi specjali u ghalhekk qed tipprojbixxi lil RENALD FORMSTON milli jattendi l-attivitajiet kollkha koncernanti mal-isport tar-Regatta tul l-perjodu massimu ta' tlett snin.**

**Fil-konfront tal-imputat ELTON BORG il-Qorti rat l-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li dan l-imputat diga deher l-Qorti darbtejn akkuzat b'kontravenzjonijiet naxxenti minn ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku u kontravenzjoni dwar ksur ta' paci pubblika fil-Pixxina Nazzjonali f'fora sportiva.**

**Illi ghalhekk tali fedina penali m'ghandhix titqies bhala wahda riflettarja ghalkemm ma hiex indellibbli, pero minhabba r-ragunijiet premessi aktar 'l fuq, ghalkemm thoss li akkuzi moghtija fil-konfront tieghu kif wkoll fil-konfront tal-imputati l-ohra huma ta' natura serja, m'ghandhix tapplika piena karcerarja u thoss li ghandha taghti cans lil istess imputat billi tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tikkundanna wkoll lil imputat ELTON BORG jhallas multa ta' hames mitt lira maltin liema multa tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In oltre tobbliga lil imputat li ma jersaq lejn ebda fora f'Malta jew fl-ibhra ta' Malta fejn qed isir sport tul il-perjodu tal-probation.**

**Fil-konfront tal-imputat NORMAN HILL il-Qorti ezaminat l-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li huwa diga deher quddiem il-Qorti f'erbgha okkazzjonijiet fejn gie akkuzat b'xi kontravenzjonijiet dwar ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku u bir-reat ta' ricettazzjoni ta' oggett li l-valur tieghu ma jeccedix l-ghaxar liri.**

**Illi ghalhekk tali fedina penali m'ghandhix titqies bhala wahda riflettarja ghalkemm ma hiex indellibbli, pero minhabba r-ragunijiet premessi aktar 'l fuq, ghalkemm thoss li akkuzi moghtija fil-konfront tieghu kif wkoll fil-konfront tal-imputati l-ohra huma ta' natura serja, m'ghandhix tapplika piena karcerarja u thoss li ghandha taghti cans lil istess imputat billi tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tikkundanna wkoll lil imputat NORMAL HILL jhallas multa ta' hames mitt lira maltin liema multa tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In oltre tobbliga lil imputat li ma jersaq lejn ebda fora f'Malta jew fl-ibhra ta' Malta fejn qed isir sport tul il-perjodu tal-probation.**

**<u>Il-Qorti fissret fi kliem car l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk jonqsu li jaderixxu ruhhom maghha lil imputati kollha li minn naha taghhom ddikjaraw li fehmu ben tajjeb.</u>**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------